*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10

IL-Tlieta 14 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli - Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Ishmael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **10.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 10.1.1 | Ma kienx hemm imma l-laqgha bdiet fis-6:50pm ghax ma' kien hemm *quorum*. |
| **10.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 10.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 9 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 10.2.2 | Is- Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Anabelle Marmara' ssekondat il-minuti tas-Seduta numru 9 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **10.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 10.3.1 | Is-Sindku nfroma lill-Kunsilliera li d-dawl tal-Milied intghogob hafna mir-residenti. |
| 10.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li Triq Dun Karm Sant se titranga fil-gimghat li gejjijn u li r-rampa ta' Triq Xintill se titranga wkoll mill-istess kuntrattur tal-Kunsill. |
| 10.3.3 | Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera li l-fuljett tal-Milied li ghamel il-Kunsill kien tqassam lir-residenti u ntghogob. |
| 10.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-vakanzi tal-Kunsill ta' skrivani fi skala 15 u skala 16 kienu ntlew u l-haddiema kienu bdew bil-hidma taghhom. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li diga' sar kambjament posittiv fix-xoghol tal-amministrazzjoni. |



MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT
COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA
EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA

| | |
|---|---|
| 10.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbghatet rikjesta minghand id-*District Operations* sabiex jigi assenjat haddiem mal-Kunsill Lokali.<br><br>***Il-hin huwa is-19:00pm u l-laqgha giet sospiza temporanjament sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-haddiem assenjat tal-Kunsill.***<br><br>***Il-hin huwa is-19:12pm u l-laqgha tal-Kunsill tkompliet.***<br><br>***Il-hin huwa is-19:15pm u dahal ghall-laqgha is Sur Ismael Dalli.***<br><br>Wara diskussjoni libera u vot bejn il-Kunsilliera prezenti rigward il-materja gie deciz li gej;<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsill li se tastjeni mhabba ghajdut li saru fil-konfront taghha rigward il-haddiema assenjati;<br><br>Is-Sa Anabelle Marmara' infurmat lill-Kunsill li se toggezzjona;<br><br>Is-Sur Joseph Abela Galea, s-Sur Neil Portelli, s-Sur Thomas Debattista u s-Sur Christian Pace qablu unanimament li ma' jsibu l-ebda' oggezzjoni;<br><br>Is-Sur Ismael Dalli qabel ukoll li l-haddiem jigi assenjat abbazi tal-punti hekk kif gej;<br><br>• Li hu rrelevanti jekk l-impjegat assenjat ikunx mir-rahal jew le ghax il-Kunsill huwa funzjoni ta' amministrazzjoni pubblika ghaldaqstant la hu kontra u lanqas favur;<br><br>• Rigward x'tip ta' entita' huma d-*District Operations*;<br><br>• Jekk il-post hux se jkun definit;<br><br>• Jekk il-paga tal-haddiem assenjat hux se tinaghta mill-Kunsill;<br><br>• Jekk il-Kunsill ghandu bzonn il-haddiem assenjat huwa ma' jsibx l-ebda oggezzjoni u staqsa wkoll kemm se ddum ma' tigi mhaddma r-*reach out centre* tal-Kunsill jekk issir min-*Norway funds*.<br><br>F'dan l-istadju s-Sindku wiegeb li l-progett irid jitlesta fi zmien sena u li l-attivitajiet iridu jigu mplimentati qabel. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 10.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li qed isiru diskussjonijiet ma' Transport Malta u l-*Faces* sabiex il-*Bus Shelter* ta' Triq il-Knisja ticcaqlaq zewg metri l-boghod u jkun jista' jitkompla l-progett mill-kuntrattur responsabbli. |
| 10.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li r-*reserve parking* tal-banka tal-lottu ta' Triq is-Sorijiet se ssir. |
| 10.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li individwu talab sabiex isiru zewg *bollards* taht il-bankina tal-istabbiliment tieghu sabiex jigu evitati incidenti. Wara diskussjoni libera gie deciz lis-sid ghandu jikkomunika ma' Transport Malta f'dan ir-rigward. |
| 10.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li jixtieq jerga' jaghmel uzu mill-*Gazibo* ta' fejn l-erwieh sabiex il-Kunsill jaghti servizz addizzjonali bhal tqassim ta' *flyers* tat-Turizmu u applikazzjonijiet ohra relatati mas-servizzi tar-residenti. Is-Sindku spjega li tista' tkun simili ta' *Tourist Information Office*. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti sar qbil unanimu li tkun idea tajba li l-*Gazibo* terga' tinfetah ghall-pubbliku. |
| 10.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li hemm min wera x-xewqa li l-monument li qieghed fi gnien Mark Farrugia jigi rilokat f'post iehor aktar adakwat. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li ma' ghandha tinstab l-ebda' oggezzjoni u li l-Kunsill ghandu jaghmel dan mill-aktar fis. |
| 10.3.11 | Is- Sindku staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li Triq is-Sorijiet isir parkegg man-naha tal-bankina fejn is-Sorijiet kif kien qabel ma' trangat u ma' jsirux kaxxi man-naha l-ohra. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ghandu jsir hekk. |
| 10.3.12 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li jixtieq jorganizza *Easter Lunch* flimkien mall-Kunsill u mar-residenti. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti sar qbil li l-*Easter Lunch* jigi organizzat. |
| 10.3.13 | Is- Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien qed jiehu hsieb il-progett tan-*Norway funds* u kienu qed isiru tahdidiet necessarji man-nies kompetenti sabiex il-progett tar-*reach out centre* isehh. IS-Sindku nforma l-Kunsill li gie mqabbad ukoll perit sabiex jaghmel l-ewwel rapporti u jgib l-informazzjoni necessarja fuq il-garaxx li hu devolut lill-Kunsill. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **10.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 10.4.1 | Is-Sa Darlene Vella Zammit staqsiet " Il-*loading / unloading bay* li kellu jsir wara l-laqgha tas-26 ta' Novembru 2019, meta ha jsir Triq Luqa?" Is-Sindku informa lill-Kunsill li se ssir fil-granet li gejjijn. |
| 10.4.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit staqsiet " Meta se jigu trangati l-linji gwida li ressaqt fil-laqgha tas-26 ta' Novembru 2019, ta' hdejn l-ghassa?" Is-Sindku informa lill-Kunsill li se jkun qed jiehu hsieb din il-materja fil-granet li gejjijn. |
| **10.5** | **Rapporti** |
| 10.5.1 | - Is-Sindku prezenta il-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill mill-1 ta' Lulju 2019 sal-31 ta' Dicembru 2019, ghall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-massimu tal-*Performance Bonus Appraisal* li hu 10% gie approvat.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera prezenti li qed jingabru tlitt *quotations* sabiex isir *risk assesment* fuq il-*Playing fields* li hemm fil-lokal, hekk kif titlob Direttiva 7/2019 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 8 ta' Jannar 2020 mingħand l-FSWS il-Kunsill gie nfurmat li jista' jibbenifika minn *grant* ta' 3000Eur jekk jimmotiva liz-zaghzagh tal-lokal biex jppartecipaw f'attivitajiet ta' sports u arti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill lis-Sur Neil Portelli kien qed jiehu hsieb din l-inizjattiva.<br><br>- Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li f'Jannar 2020 se jkun qed jibda x- xoghol sabiex jinhargu t-Tenders s-*Soft Areas*, *Project Manager* u *Accountancy*.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 7 ta' Jannar 2020 mingħand resident, il-Kunsill gie nfurmat b'poggaman li twahhal mal-faccata tal-isqaq Triq Xintill u ghamel hsara fil-konsenturi. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oggezzjoni li l-poggaman jinqalgha. |

| 10.6 | **Mozzjonijiet** |
|---|---|
| 10.6.1 | <u>Mozzjoni Nru 05-2020 (VIII)</u><br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit resqet mozzjoni;<br><br>Ix-xogholijiet li jkunu gew pprezentati fil-laqgha tax-xahar ta' qabel ghandhom ikunu lesti sax-xahar ta' wara. Dawk ix-xogholijiet li jkunu jistghu jsiru?<br><br>Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li x-xogholijiet li jkunu jistghu jsiru minghajr diffikulta jew permessi relevanti se jkunu kompluti mill-laqgha tal-Kunsill li jkunu gew proposti sal-laqgha ta' wara.<br><br>Proponent: Darlene Vella Zammit<br>Sekondant: Anabelle Marmara' |
| 10.6.2 | <u>Mozzjoni Nru 06-2020 (VIII)</u><br><br>Din il-mozzjoni qed nressaqa ghaliex bhala Kunsillier responsabbli mill-Ghaqdiet irrid nara li kull ghaqda ghanda tigi tratta bl'istess mod u ntenni li il-bibien tal-Kunsill miftuhin ghal kull ghaqda li jogghoba tahdem mal-Kunsill. Qed naghmila cara li dan li qed naghmel illum qed naghmlu ghax inhoss li hu fl'ahjar interess tal-Kunsill u tal-istess ghaqdiet tar-rahal taghna. Fil-laqgha ta' Novembru li ghadda laqgha li ghalijha jien kont assenti il-Kunsill Lokali wara talba mill-Ghaqda Kultura u Armar qabel li jinhareg permess biex tinghalaq il-Pjazza mill-Gimgha 3t'April 2020 sal-Hadd 5 t'April 2020 sabiex tkun tista titghella il-Passjoni mat-Toroq ta' Hal Tarxien u dan jien ma nsib l'ebda ogezzjoni ghalih. Talba simili kienet saret mit-Tarxien Pageant Group biex ikunu jistghu jghalqu il-pjazza mill-Hamis 2 t'April 2020 sal-Hamis 9 t'April biex ikun jista jitghella ukoll il-Pageant tal-Passjoni taghhom ukoll, talba li ghalijha il-Kunsill Lokali ma sab l'ebda oggezzjoni biss ntalbet li issir petizzjoni biex tigi iffirmata mir-residenti halli naraw isibux ogezzjoni huma. Jien qed nipproponi li din il-petizzjoni minn naha tal-Kunsill tigi irtirata u minflok issir ittra li tigi ipprezentata lir-residenti li ser jigu impattati. Din ghanda titqassam minni bhala Kunsillier responsabli mill<br>Ghaqdiet flimkien mas-segretetarji rispettivi taz-zewg ghaqdiet u rapprezentant tal-Parrocca, fijha ser ninfurmaw lir-residenti b'dak li ser ikun qed jigri kif ukoll li min jaghmel uzu minn Misrah ir-Reppublika ser ikun jista jaghmel dan billi id-dhul isir minn Triq Brittanika. Dan qed naghmlu ghax nhoss li jista jinholoq precedent ghal meta jkun hemm attivitajiet ohra fil-futur fejn nibdew nintalbu biex issir tali petizzjoni ghal kull attivita li issir fil-pjazza, ghalhekk qed nitlob li jittiehed vot biex il-petizzjoni tigi irtirata u issir l'ittra li qed nipproponi. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-petizzjoni ma' ssirx, imma ghandha tintbghat ittra mill-Kunsill f'isem iz-zewg ghaqdiet sabiex ir-residenti jkunu nfurmati bl-gheluq tat-toroq fi zmien il-paegant. Il-Kunsill qabel ukoll b'mod unanimu li s-Sur Christian Pace jiehu hsieb din il-materja bhala l-Kunsillier responsabbli mill-Kultura.<br><br>Proponent: Christian Pace<br>Sekondant: Thomas Debattista |
| **10.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 10.7.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 6/08) għall-approvazzjoni. |
| 10.7.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Christian Pace ssekondata mis- Sa Anabelle Marmara', l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u li tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **10.8** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 10.8.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fid-9:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 11 ta' Jannar 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 14 ta' Jannar 2020.

**Joseh Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*